## Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 07 ta' Jannar 2023

**Il-Pulizija**

**(Spettur Shamus Woods)**

**vs**

**Charles Paul Mifsud**

**(K.I. 0229388M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Charles Paul Mifsud** ta' 49 -il sena, iben Charles u Doris nee' Zammit imwieled nhar l- 25 ta' Jannar 1973 ġewwa l-Awstralja, residenti ġewwa 83 Marciv, FL 2, Triq ix-Xitwa San Pawl il-Baħar u detentur tal-karta tal-identità Nru 0229388M u akkużat talli nhar it-13 ta' Diċembru 2022:

1. Inġurjajt, jew heddidt, jew għamilt offiża fuq il-persuna ta' PS228 u PC404, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz, jew bil-

ħsieb li tbeżżgħu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-liġi waqt l-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz. Art.95 Kap.9

2. Attakajt jew Volontarjament għamilt ħsara, jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobli, meta għamel ħsara fuq il-bumper ta'wara tal-karozza distrettwali ta' Sliema, liema ħsara ma teċċedix il-mitejn u ħamisn euro (250).

3. Volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju. Art.338(dd) Kap.9

4. F'lok pubbliku jew f'post miftuħ għall-pubbliku, kont fis-sakra b'mod li ma kontx tista' tieħu ħsieb tiegħek innifsek. Art.338(ff) Kap.9

5. Inqast li tobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilek minn PS228 u PC404, uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħallejtx jaqdi, jew fixkilt jew indħalt lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu. Art.338(ee) Kap.9

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk irid, jerġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi l-akkużat stqarr li għandu problema akuta ta' abbuż ta' alcoħol. Hu filfatt kien rikoverat f'istituzzjoni tas-saħħa sabiex ikun jista' jieħu l-kura meħtieġa. Illi dakinhar tal-inċident, hu sejjaħ lill-uffiċjali tal-Pulizjia għaliex xtaq jirrapporta li persuna kienet qed issegwiħ u timportunaħ. F'ħin minnhom hu qabad jgħajjar u joffendi l-uffiċjali tal-pulizija u anke kien aggressiv lejhom, tant li kkawża xi danni fil-vettura tas-servizz.

Il-Qorti semgħet illi l-ammont ta' ħsara kkaġunata huwa ta' €150.

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi. Illi di più, l-akkużat skuża ruħu mal-Korp tal-Pulizija fil-Qorti u tenna li jiddispjaċiħ ħafna ta' dak li għamel.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tagħmilha ċara lil dan il-komportament versu l-uffiċjali tal-ordni huwa inaċċettabbli f'soċjetà li żżomm l-ordni u d-dixxiplina. Finalment, kull uffiċjal tal-Ordni huwa bniedem li qiegħed iwettaq xogħolu skont il-liġi u m'għandu jkun qatt li persuna tisfa attakkata jew aggredita sempliċiment għax qed twettaq dmirijietha. Illi dan l-inċident huwa inċident li jattakka ż-żamma tal-ordni fil-pajjiż u b'hekk, il-piena għandha tirrifletti l-gravità ta' dawn ir-reati.

Illi min-naħa l-oħra, Il-Qorti tosserva li dawn ir-reati seħħew f'ambitu fejn l-akkużat huwa aflitt mill-vizzju tal-alkoħol. Il-Qorti tqis li għalkemm din m'hijiex skużanti, min-naħa l-oħra jekk il-piena ma sservix sabiex tgħin lill-istess akkużat jegħleb dan il-vizzju, huwa ser jibqa' jwettaq reati simili fil-futur.

B'hekk, il-Qorti tqis li għalkemm piena karċerarja hija idonea, din m'għandhiex tkun effettiva u dan sabiex l-akkużat jkun jista' jsewgi programm ta' riabilitazzjoni filwaqt li jkollu sena priġunerija mdendla fuq rasu matul il-perjodu operattiv tagħha.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 31, 95, 325(c), 338(dd), 338(ee), 338(ff) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta,u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Charles Paul Mifsud <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u tikkundannaħ għal piena ta' sena (1) priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Mata qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' sentejn mil-lum, inoltre, l-Qorti qed timponi multa ta' elfejn Ewro (€2,000);

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkkonċedi lill-ħati l-fakoltà li jħallas il-multa sopra msemmija b'rati mensili fuq perjodu ta' mhux aktar minn sentejn (2) mil-lum, liema perjodu għandu jibda jiddekorri mill-1 ta' Settembru 2023; .

Illi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-ħati **Charles Paul Mifsud** sabiex iħallas lill-Korp tal-pulizija s-somma ta' mija u ħamsin Ewro (€150) rappreżentanti d-danni minnu kkaġonati;

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati **Charles Paul Mifsud** sabiex jingħata t-trattament meħtieġ biex jegħleb il-vizzju tal-abbuż mill-alkoħol u dan għal perijodu ta' tmien (8) xhur.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur Servizzi Probation and Parole u lid-Direttur tal-Faċilità Korrettiva ta’ Kordin kif ukoll lid-Direttur tal-Caritas Malta.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**